## Ġrajjiet, Drawwiet, Tifkiriet

*(Minn Mons. Prof. Arturo Bonnici)*

# PALAZZO PARISIO U L-POSTA

Min minnkom ma daħalx, jew għallinqas ma għaddiex minn quddiem dak il-bini fi Strada Merkanti, il-Belt, imsejjaħ "il-Posta"? Minn hemm jgħaddu l-ittri li nibagħtu u li nirċievu minn Malta, Għawdex u imkejjen oħra tad-dinja. Hija ċ-ċentru li minnu jgħaddu l-ferħ u l-għali, it-tamiet u l-qtiegħ ta' qalb, l-imħabba u l-mibegħda, il-qliegħ u d-djun, il-mewt u t-twelid it-tlaqqiegħ taż-żwieġ u l-isfrattar tal-familji, u tant u tant ġrajjiet oħra tal-ħajja.

### *Palazzo Parisio*

Dak il-Palazz inbena għal ħabta ta' nofs is-seklu tmintax. Jikkonsisti fi 3 blokki madwar bitħa. Il-faċċata hija sobrija ħafna b'enfasi ċkejkna fuq iċ-ċentru, magħmul minn bieb imżejjen b'żewġ kolonni u gallerija magħluqa fuqu. Tliet twieqi ma' kull naħa jinfetħu fil-pjan terran u fiż-żewġ sulari. Maż-żmien il-ħitan ta' ġewwa kienu dekorati mill-artist malti Antonaċi Grech magħruf bħala "Naċċ".

Fil-bidu nett fuq dak it-terran kienu nbnew żewġt idjar, waħda tal-Kavallier Fra Mikiel Fontermo u l-oħra minn Franġisku This. Maż-żmien id-djar inxtraw mill-Balliju ta' Manosca, il-Kommendatur Fra Ġwann minn Ventimiglia fil-lingwa ta' Provenza. Minn għandu għaddew bi bdil għand il-familja ta' Donna Marija Xiberras fl-1717. Bin Marija, Monsinjur Duminku Xiberras, Isqof titulari ta' Epifanja, wiret dawk iż-żewġt idjar u bena minn flokhom il-Palazz tal-lum. Minn għand ix-Xiberras il-palazz għadda għand il-familja Muscati. Anna Muscati żżewġet lill-Kavallier Don Duminku Parisio minn Reggio Calabria u l-palazz ħa l-isem minn dik il-familja u sar magħruf "Palazzo Parisio".

### *Napuljun raqad fih*

Binhom il-kavallier Pawlu Parisio Muscati wiret dak il-palazz u, fis-sena 1798, silfu lil Napuljun ħalli jgħammar fih mill-14 sat-18 ta' Ġunju. Il-lapida li hemm imwaħħla mal-lemin tal-bieb tfakkar dik il-konċessjoni.

Meta ġew l-Ingliżi Malta jissokta jgħidilna l-Kavallier Victor Denaro fil-ktieb tiegħu dwar id-Djar tal-Belt — Sir Ralph Abercormbie, li kellu f'idejh l-ispedizzjoni għall-Eġittu, għammar fih mis-26 ta' Novembru sal-20 ta' Diċembru 1800. Għammar ukoll f'parti minn dak il-palazz fis-sena 1841 Lord Lynedoch, li aħna nafu bl-isem ta' General Pigot, li kien ħa parti kbira fil-blokk tal-franċiżi fil-Belt, u kien ħabib tal-Kavallier Pawlu Parisio, sid il-palazz.

### *Jinbidel f'Posta*

Fis-sena li semmejna, il-*British Packet Office*, li kien fil-*Banca Giuratale* (fejn illum hemm ir-Reġistru Pubbliku jew l-Insinwa), ġie meħud f'dak il-Palazz. Għal min ma jafx il-*British Packet Office* kien l-uffiċċju li jġorr il - korrispondenza minn pajjiż għall-ieħor.

Wara l-ewwel gwerra dinjija (1914-18), is-sular ta' fuq beda jservi għall-*Audit Office*. Fit-tieni gwerra dinjija (1940-44), il-bini ġarrab ħsara kbira. Wara ġie restawrat mingħajr ebda tibdil fil-faċċata tiegħu. Iżda d-dekorazzjonijiet ta' ġewwa intilfu.

### *Bidu tas-Servizz Postali*

Daqshekk dwar il-bini. Ngħaddu issa għas-Servizz tal-Posta. Il-kelma "Posta" ġejja mill-verb latin *ponere*, li tfisser tqiegħed għaliex il-posta kienet turi fejn wieħed jitqiegħed biex jistenna xi ħaġa. Fil-qedem kienu jissejħu "posti" l-imkejjen fejn dawk li jivvjaġġaw kienu jibdlu ż-żwiemel għajjenin ma' oħrajn ħfief.

Dawk iż-żwiemel bdew għalhekk jissejħu "tal-posta". Il-posti kienu djar jew lukandi bejn l-ibliet kbar b'distanza bejn waħda u l-oħra ta' kemm wieħed jilħaq jirkeb matul jum, biex mal-lejl jista' jistrieħ ġo fihom.

L-użu tal-posti huwa bil-wisq qadim. Naqraw li Ċiru il-fundatur tal-Imperu Persjan, fuq l-400 sena qabel Kristu, kien waqqaf posti f'ħafna nħawi. Ċesri Awgustu, l-ewwel Imperatur Ruman, fl-ewwel seklu qabel Kristu, fetaħ triqat bejn il-Provinċji Rumani imxerrdin mal-Ewropa u l-Afrika ta' Fuq, u matulhom waqqaf il-posti fejn il-messaġġieri setgħu jistrieħu meta jwasslu xi dispaċċ jew ittra minn belt għall-oħra. Is-servizz postali mar ferm 'il quddiem taħt ir-Rumani. Nafu wkoll li l-Imperatur Kostantinu u oħrajn warajh kienu jwasslu bil-messaġġiera tagħhom l-istediniet għall-Konċilji tal-Knisja.

### *Fiż-żmenijiet tan-nofs u wara*

Fi żmien l-invażjoni tal-Imperu Ruman mill-Barbari dak is-Servizz ħa daqqa ta' ħarta. Iżda fiż-Żmenijiet tan-Nofs reġa' beda jieħu r-ruħ bis-saħħa tal - għaqdiet *(guilds)* tal-merkanti. Fi żmenijiet aktar lejna is-slaten bdew iwaqqfu servizz postali għalihom.

Ir-Reġina Eliżabetta I fl-1598 fetħet servizz regolari ta' posta imsejjaħ *Mail Packet Service*, bejn l-Ingilterra u Dublin (Irlanda) u bejn l-Ingilterra u Calais (Franza) u pprojbiet il-ġarr ta' ittri barra mill-pajjiż, jekk mhux permezz ta' dak is-servizz. B'hekk seta' jsir kontroll aħjar fuq l-ittri, żdied id-dħul ta' flus fil-Kaxxa u n-nies bdew jinqdew aħjar.

### *Il-"Mail coaches"*

Fl-1784, beda fl-Ingilterra servizz postali privat bil-karrozzi apposta — il-*Mail Coaches*, li kellu vantaġġ fuq is-servizz bil-messaġġiera, li kienu jieħdu żmien doppju fil-qadi tagħhom. Iżda dan is-servizz privat beda jservi għat-trasmissjoni illegali ta' ittri. Il-posta kienet titlaq fit-8 ta' bil-lejl bi gwardji armati magħha. Il-Kollettur kellu jħallas £10,000 fis-sena lill-Gvern.

Imħabba f'dawn l-abbużi l-Gvern Ingliż reġa' ħa f'idejh is-servizz postali, li minnu beda jkollu qliegħ tal-għaġeb. Meta infatti fi żmien il-gwerra bejn l-Ingilterra u Franza tar-Rivoluzzjoni għoliet ir-rata tal-posta, l - Ingilterra għamlet qliegħ ta' £1,500,000 jew tliet darbiet li ntefaq fl-istess servizz.

### *Il-Kardinal Alberoni*

Fetaħ triqat kbar għall-posta fuq il-baħar il-Kardinal Ġunju Alberoni (1664-1752) minn Firenzuola — Parma, fl-Italja. Bis-saħħa tal-Isqof, li għaraf it-talent tiegħu, minn kampanar fil-Kattidral ta' dik il-belt sar qassis, intbagħat fi Spanja, fejn leħaq isqof ta' Malaga u Prim Ministru tar-Re Filippu V. Bis-servizz postali

*(Ikompli f'paġna 11)*

## GRAJJIET — DRAWWIET — TIFKIRIJIET

# PALAZZO PARISIO U L-POSTA

(Jaqbad minn paġna 4)
li fetaħ, l-ittri setgħu jaslu minn Spanja għall-kolonji tagħha fl-Amerika.

Il - Granmastri f'Malta waqqfu wkoll posta f'Malta. Nafu b'd griet li ħareġ sa mill-bidu tas-seklu sbatax dwar dan il-mezz siewi ta' komunikazzjoni mad-dinja magħrufa. Fost il-Granmastri li wżaw is-servizz postali fl-ewwel nofs tas-seklu insemmu lil Alof de Wignacourt, Luiz Mendez de Vasconcellos, Antoine de Paule u Martin de Redin.

### Bl-art, il-baħar u l-ajru

Fl-1816, il-posta li kellha taqsam l-ibħra waqgħet taħt l-Ammiraljat, li beda jisserva bil-kumpaniji kbar talvapuri — il-Cunard Line, il-P. & O. Company, ir-Royal Mail Steam Packet Co. — għal dak il-għan.

Kien ta' għajnuna kbira għal dak is-servizz it-tren li beda jaħdem bejn Manchester u Liverpool fl-1830. Tmien snin wara t-treni kellu jkollhom karrozza għall-posta fuqhom, fejn kienu jiġu s-sortjati l-itri.

Fl-10 ta' Jannar 1840, bit-tħabrik ta' Mr. (wara Sir) Rowland Hill, twaqqaf fl-Ingilterra servizz postali bil-ħlas ta' sold qabel tintbagħat l-ittra. Il-ħlas ta' sold baqa' sal-1918, meta għola għal sold u nofs u fl-1920 għal żewġ soldi.

Il-posta bl-ajru bdiet fl-Italja. Fl-Ingilterra bdiet fl-1911, fl-okkażjoni tal-inkoronazzjoni tar-Re Ġorġ V u fl-1919 bejn l-Ingilterra u l-Ġermanja, fejn kien hemm l-eżerċtu tal-okkupazzjoni. Fl-istess sena fetħet posta bl-ajru ma' Franza.

### Jibdew il-bolli

Fl-1840, bdiet ukoll issistema tal-bolli. Kien jinxtara envelope stampat birras tar-Reġina Vittorja jew b'xi disinn speċjali imtella' fih *(embossed)*, jew inkella kienet titwaħħal bolla birras tar-Reġina u l-gomma biex titwaħħal.

Sal-1857, biex tibgħat ittra f'Malta kont trid tmur il-Posta, tħallas sold, imbagħad jittimbrawhielek b'timbru *"Malta Post Office"* u jieħdu ħsieb iwassluhielek fl-indirizz tagħha. Mis-sena 1857 sal-1859 bdew jitwaħħlu fuq l-ittri bolli ingliżi ittimbrati bl-ittra M (għal Malta). Fl-1859, it-timbru M tbiddel f'ieħor A 25 (ma nafx x'ifisser).

Fl-1860 ħarġet l-ewwel bolla lokali ta' sitt ħabbiet, kulur safran. Kienet isservi għal Malta biss. Inħallu ibolli maltin għal darb'oħra.

Fit-2 ta' Ġunju 1882, fi żmien il-Gvernatur Sir Arthur Burton, il-*Malta Post Office* ġie trasferit mill-*General Post Office* tal-Ingilterra għal Gvern ta' Malta. Dik il-konċessjoni intlaqet tajjeb mill-Maltin u fl-1883 ġiet diskussa fil-Parlament Ordinanza għal dak il-għan. L-Ordinanza għaddiet. Roger Duke sar l-ewwel *Post Master* Kolonjali bis-salarju ta' £500 fis-sena.

Warajh, fl-1885, leħaq ilmalti Ferdinandu V. Inglott, mill-Birgu, li kellu karriera ċivili l-aktar sabiħa, bħala Spettur tal-Iskejjel Elementari, Kontrollur tal-Istituzzjonijiet ta' Karita' tal-Gvern u Kollettur fid-Dwana. Huwa organizza b'sistemi ġodda d-Dipartimenti li kien kap tagħhom, speċjalment l-isptar għal mard talmoħħ, u daħħal is-Sorijiet tal-Karita' għalbiex jieħdu ħsieb il-morda fl-isptarijiet tal-Gvern. Għax-xogħol kbir u għaqli tiegħu r-Reġina Vittorja onoratu bit-titlu ta' *Sir,* meta għarfitu Grand Cross of the Order of St. Michael and St. George.

Bit-togħma ħelwa talunur *għal mertu* nagħalqu dan l-artiklu tagħna.